**24 ta' Jannar, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Joseph Scerri

*versus*

Spiridione Falzon

## Spoll — Ħajt diviżorju.

*Spoll vjolent huwa kwalsijasi att arbitrarju li jsir b'l-forza privata kontra l-volontà tal-ispoljat; u l-att ikun arbitrarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skond il-liġi, iżda anki meta jiġi kompjut arbitrarjament u kontra l-volontà tal-possessur, b'mod li jista' jagħti lok għall-azzjoni ta' danni kontra min ikun għamel dak l-att.*

*Id-dritt li wieħed jakkwista l-komunjoni tal-ħajt jimporta biss li jakkwista dak il-ħajt fl-istat li jinsab fih, u ma jistgħax, għalhekk, jippretendi li jitneħħew xi ħwejjeġ li jinsabu fl-istess ħajt; bil-konsegwenza illi r-rimozzjoni arbitrarja ta' dawk il-ħwejjeġ mingħajr jew kontra l-kunsens tal-proprjetarju tal-ħajt tikkostitwixxi att arbitrarju, u kwindi spoll.*

*Xejn ma jiswa li min neħħa dawk il-ħwejjeġ mill-ħajt diviżorju kellu d-dritt li jirrendi komuni l-ħajt fejn kienu dawk il-ħwejjeġ; għaliex f'ġudizzju ta' spoll, apparti milli, kif ġa ngħad, l-akkwirent tal-ħajt għandu dritt jakkwista n-nofs tiegħu fl-istat li hu, il-Qorti ma tistgħax teżamina l-eċċezzjonijiet ta' natura petitorja mingħajr ma teżorbita mill-kompitu lilha assenjat mill-liġi. L-att ta' min neħħa*

*dawk il-ħwejjeġ mill-ħajt jibqa' għalhekk att illegali u arbitrarju, att ta' spoll, li jirrendieh passibbli li j'ġi kundannat jerġa jqiegħed kollox kif kien qabel.*

Il-Qorti.— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, billi fit-23 ta' Lulju 1957 il-konvenut, abużivament u bi vjolenza, qala' l-ħadid tal-parapett tad-dar tal-"attur "Baltimore House", Naxxar Road New Street "C", Birkirkara, u b'dan il-mod ikkommetta spoll vjolent; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenut jiġi kundannat minn din il-Qorti illi jirreintegra u jirrestitwixxi l-proprjetà lill-attur fl-istat tagħha ta' qabel ma kkommetta l-ispoll; u dan fi żmien qasir u perentorju; u fil-każ li dan iż-żmien jgħaddi inutilment, l-attur jiġi awtorizzat jeżegwixxi x-xogħol hu a spejjeż tal-konvenut. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, u salva l-azzjoni kontra tiegħu għad-danni li sofra jew jista' jsofri l-attur;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta illi huwa ma kkommetta ebda spoll, imma uża mid-dritt tiegħu li jirrendi komuni l-ħajt li parti l-kbira minnu ġa kienet komuni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi mhux kontestat li l-azzjoni esperita mill-attur hija azzjoni ta' spoll. Il-konvenut ma jikkontestax fl-attur il-pussess tal-parapett tal-ħadid eżistenti fid-dar tiegħu, u lanqas jikkontesta li l-azzjoni ġiet esperita fiż-żmien preskritt mill-liġi. L-unika kontestazzjoni tal-konvenut hija illi huwa, dak li għamel, għamlu minħabba d-dritt tiegħu li jirrendi komuni l-ħajt fejn kien jinsab il-parapett in kwistjoni; u b'hekk huwa qed jiċħad l-ewwel wieħed mill-elementi tal-azzjoni, jiġifieri l-ispoll;

Illi, skond id-dottrina, spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontà dello spogliato" (Pacifici Mazzoni, Istituzioni, Vol. III, § 52); liema konċett ġie adottat anki mill-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXVIII-III-1341); u l-att ikun arbi-

trarju mhux biss meta jikkostitwixxi reat skond il-liġi, iżda anki meta jiġi kompjut arbitrarjament u kontra l-volontà tal-possessur, b'mod li jista' jagħti lok għall-azzjoni ta' danni kontra min ikun għamel dak l-att (Pacifici Mazzoni, op. u loc. ċit.);

Illi ġuridikament huwa paċifiku li d-dritt li wieħed jakkwista l-komunjoni tal-ħajt jimporta biss li jakkwista dak il-ħajt fl-istat li jinsab fih, u ma jistgħax, għalhekk, jippretendi li jitneħħew, per eżempju, xi ħwejjeġ li jinsabu fl-istess ħajt (Fadda, Giurisp. Cod. Civ. Ital., art. 556, §§ 195, 196, 197, 198, 202, 206 u 207); bil-konsegwenza illi r-rimozzjoni arbitrarja ta' dawk il-ħwejjeġ mingħajr jew kontra l-kunsens tal-proprjetarju tal-ħajt tikkostitwixxi att arbitrarju, u kwindi spoll;

Illi ġie pruvat li l-konvenut neħħa l-parapett in kwistjoni kontra d-divjet u l-oppożizzjoni espressa tal-attur, mingħajr ma rrikorra għall-mezzi legali, u b'hekk waqa' taħt is-sanzjonijiet tal-liġi;

Illi xejn ma jiswa li huwa, legalment, kellu u għad għandu d-dritt li jirrendi komuni l-ħajt fejn hemm l-imsemmi parapett; għaliex, apparti dak li fuq ingħad dwar l-akkwist tal-ħajt fl-istat li hu, il-Qorti, fil-ġudizzju preżenti ma tistgħax teżamina l-eċċezzjonijiet ta' natura petitorja mingħajr ma teżorbita mill-kompitu lilha assenjat mill-liġi; iżda, anki kieku biss kellu d-dritt li jaqla' l-parapett, il-konvenut ma użax il-mezzi legali, anzi kkommetta att delittuż; u kwindi l-att tiegħu jibqa' dejjem jikkostitwixxi spoll (Pacifici Mazzoni, op u loc. ċit.);

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' l-ewwel talba, billi tikkundanna lill-konvenut jerġa jqiegħed il-fond tal-attur fl-istat anterjuri għall-ispoll, u dan fi żmien tmien tijiem mil-lum;

U jekk jonqos, tilqa' t-tieni talba, billi tawtorizza lill-attur jagħmel, a spejjeż tal-konvenut, ix-xogħolijiet meħtieġa;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut.